# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 13 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru. 245/2021 GM**

***Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 102/2020 TA fl-ismijiet:***

**Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon (114474 M) u Avukat Dottor Thomas Bugeja (562490M) bħala mandatarji speċjali ta' Dan Friis (CH) Investment AG, kumpannija estera reġistrata ġewwa Svizzera bin-numru uffiċjali CHE-361.465.476**

**vs**

**Starup Holding GmbH, kumpannija estera reġistrata ġewwa Svizzera, bin-numru uffiċjali CHE-114.345.718**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Dr Nicolai Vella Falzon et. noe. li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 378 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Nhar il-20 ta’ Frar 2020 , is-soċjeta`' esponenti talbet u ottjeniet il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 102/2020 fl-ammont ta’ €3,956,345.00 u fl-ismijiet premessi, liema mandat għadu fis-seħħ, pendenti proċeduri ġudizzjarji fl-iSvizzera fl-ismijiet ***Dan Friis (CH) Investment AG v Starup Holding GmbH*** ippreżentati fil-Qorti Kantonali (*Kantonsgericht*) ta’ Zug, Svizzera;

3. Is-soċjeta` sekwestrata Starup Holding GmbH għandha 48,204.779 il-sehem u commitment ta USD 5,000,000 fis-sub-fund “***Woodman Credit Opportunities II***” li jagħmel parti mill-Fund Malti ***Woodman Funds SICAV p.l.c (SV 204)*** (minn issa msejjaħ “**Il-Fund**” jew “**Woodman Funds**”), liema ishma huwa miżmuma minn *“**HSBC Private Banking Suisse S.A as nominee of Starup Holding GmbH**”***.** (vide estratt tar-*Register of Members* anness bħala **Dok DFI1**).

*4.* Il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 102/2020 ġie notifikata fl-21 ta’ Jannar 2020 (vide kopja tar-riferta annessa u mmarkata bħala **Doc DFI2**) lis-soċjeta` Woodman Funds SICAV p.l.c (SV 204) bħala sekwestratarja u dana bl-iskop illi żżomm lill Woodman Funds milli tħallas u tgħaddi f’idejn is-soċjeta` debitriċi Starup Holding GmbH, *distributions* dovuti lilha mill-istess Fund, u dana *a tenur* tal-artikolu 375 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

5. Wara li Woodman Funds SICAV p.l.c. ġiet notifikata bil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, hija ma ppreżentat l-ebda nota jew ċedola fir-Reġistru tal-Qorti fi żmien it-terminu stabbilit;

6. Is-soċjeta` esponenti hija konxja tal-fatt illi l-azzjonisti kollha ta’ Woodman Credit Opportunities II, irċevew *Distribution Notice* datata 12 ta’ Awwissu 2020 mill-istess Woodman Funds (vide **Doc DFI3**) fejn ġew informati illi l-Fund kien ser iħallas *distributions* lil-azzjonisti kollha ta’ Woodman Credit Opportunities II fid-19 ta’ Awwissu 2020, fl-ammont globali ta’ USD 13-il miljun, li kien ser jiġi ddistribwit pro rata skont l-ishma miżmuma mill-azzjonisti.

7. Peress illi Starup Holding GmbH (permezz ta’ “HSBC Private Bank (Suisse) S.A. bħala *nominee*”) hija azzjonista kkonfermata ta’ Woodman Funds (kif ikkonfermat minn Woodman Funds innifhsa), huwa ċert illi *distributions* għaddew wkoll lill Starup Holding GmbH.

8. Skont il-kalkoli u l-istimi tas-soċjeta` esponenti, s-soċjeta` esponenti tistima illi d-*distributions* li ġew mħallsa fid-19 ta’ Awwissu 2020 lil “*HSBC Private Bank (Suisse) S. A as nominee of Starup Holding GmbH*” jammontaw għall-circa **erbgħa mija u tnejn u għoxrin elf dollaru Amerikan (USD 422,000).**

9. Aktar riċentament s-soċjeta` esponenti ġiet informata wkoll illi, f'*Distribution Notice* oħra datata 3 ta' Marzu 2021 (annessa bħala **Dok DFI4**), l-azzjonisti ta' Woodman Funds, inkluża Starup Holding GmbH (permezz ta' "HSBC Private Bank (Suisse) S.A. bħala nominee") ġew nnotifikati illi l-istess Fund kien ser jerġa' jħallas distributions lil-azzjonisti kollha ta' Woodman Credit Opportunities II fl-10 ta' Marzu 2021, fl-ammont globali ta' USD 12-il miljun, li kien ser jiġi ddistribwit pro rata skont l-ishma miżmuma mill-azzjonisti.

10. Peress illi Starup Holding GmbH (permezz ta' "HSBC Private Bank (Suisse) S.A. bħala nominee") hija azzjonista kkonfermata ta' Woodman Funds (kif ikkonfermat minn Woodman Funds innifsha), huwa ċert illi dawn id-distributions għaddew wkoll lill Starup Holding GmbH.

11. Skont il-kalkoli u l-istima tas-soċjeta` esponenti, s-soċjeta` esponenti tistima illi d-*distributions* li ġew mħallsa fl-10 ta' Marzu 2021 lil "*HSBC Private Bank (Suisse) S. A as nominee of Starup Holding GmbH*" jammontaw għall-circa **tliet mija u disgħa u tmenin elf dollaru Amerikan (USD 389,000) oħra.**

12. Fl-umli fehma tas-soċjeta` esponenti, fil-mument illi d-distributions ġew iddikjarati bħala dovuti lil "HSBC Private Bank (Switzerland) SA as nominee of Starup Holding GmbH", dan skatta l-obbliġu ta' Woodman Funds bħala sekwestratarja debitement notifikata, illi tiddepożita tali *distributions* fir-Reġistru tal-Qorti fi żmien 19-il jum ai termini tal-Artikolu 376 tal-Kap 12.

13. Nonostante il-fatt illi l-mandat ta' sekwestru kien debitement notifikat lil Woodman Funds, l-istess Woodman Funds ipproċediet sabiex tħallas d-*distributions* lill "HSBC Private Bank (Switzerland) S. A as nominee of Starup Holding GmbH" fl-ammont totali ta' **tmien mija u ħdax-il elf dollar (USD 811,000)** u dan a detriment tal-kredituri esponenti li qegħdin jaraw quddiem għajnejhom l-evażjoni ċara ta' dan il-mandat ta' sekwestru a skapitu tal-interessi leġittimi tagħhom u in vjolazzjoni flagranti tal-istess ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

14. Kien filfatt ovvju għal Woodman Funds illi l-ishma miżmuma minn "HSBC Private Bank (Suisse) S. A as nominee of Starup Holding GmbH" huma ekonomikement esklussivi u proprjeta` ta' Starup Holding GmbH, b'dawn l-aħħar ikunu l-*ultimate beneficial owner* li huma saħansitra msemmijin fir-Register of Members ta' Woodman Funds. Illi kwindi kien ukoll ovvju u evidenti illi l-flus ddistribwiti lill- "*HSBC Private Bank (Switzerland) S. A as nominee of Starup Holding GmbH*" kienu qegħdin effettivement qed jitħallsu lil Starup Holding GmbH, kontra min kien inidirizzat u maħruġ il-mandat ta' sekwestru odjern.

15. Fl-umli fehma tas-soċjeta` esponenti, permezz tal-aġir tagħha, Woodman Funds illegalment u b'mod abbużiv evadit u naqqset milli ssegwi l-obbliġi tagħha bħala sekwestrarja skont il-mandat ta' sekwestru odjern, u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Il-mandat ta' sekwestru odjern ġie ppreżentat (u milqugħ) fl-20 ta' Jannar 2020, u debitement notifikat lil Woodman Funds fil-21 ta' Jannar 2020, u kwindi xhur qabel il-ħlas ta' *distributions* li sar madwar id-19 ta' Awwissu 2020 u madwar l-10 ta' Marzu 2021;

b. Wara illi ġiet debitement notifikat bil-mandat ta' sekwestru u fil-mument illi Woodman Funds ddeċidiet u ddikjarat illi l-azzjonisti tagħha kellhom jirċievu *dividend/distribution*, l-istess Woodman Funds saret "*Sekwestratarju li, għalkemm ikun fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra, ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur*" ai termini tal-Artikolu 378 tal-Kap 12, u kwindi kellha, tiddepożita s-somma kif maqbuda permezz tal-mandat, sal-ammont ta' **tliet miljuni disgħa mija sitta u ħamsin elf, tliet mija ħamsa u erbgħin ewro (€ 3,956,345.00);**

c. Minflok ma ddepożitaw d-distributions fir-Reġistru tal-Qorti fi żmien 19-il jum ai termini tal-Artikolu 376 tal-Kap 12 jew għall-inqas pproċediet b'kawtela u saqsiet lill- Onorabbli Qorti għad-direzzjoni tagħha, fid-dawl tal-mandat kawtelatorju nnotifikat lilha, Woodman Funds għażlet irresponsabbilment illi tinjora kompletament l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti, u konxja ta' dawn il-fatti kollha, għaddiet sabiex tħallas id-*distributions* lil "*HSBC Private Bank (Suisse) SA <u>as nominees of Starup Holding GmbH</u>*" darbtejn, b'mod illi kompletament jisfuġġi l-mandat kawtelatorju tar-rikorrenti, l-iskop ta' liema huwa illi jaqbad dawn id-*distributions* b'kawtela għal dak dovut lilha fil-kawża fuq il-mertu, illi għadha pendent fil-Qorti Kantonali ta' Zug (*Kantonsgericht Zug*).

16. L-aġir ta' Woodman Funds ikkawża, u qed jikkawża danni inġenti lis-soċjeta` esponenti,. U fiċ-ċirkostanzi, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 378 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jeżistu, liema artiklu jipprovdi illi:
*"Sekwestratarju li, għalkemm ikun fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra, ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setgħu ġew issekwestrati bil-mandat, u li ma jagħmilx id-depożitu msemmi fl-artikolu 376 fi żmien il-perjodu hemm stipulat, ikun responsabbli għad-danni u l-imgħax favur il-kreditur u l-qorti tista', wara rikors magħmul għal dak il-għan mill-kreditur, toħroġ dawk l-ordinijiet li jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż l-arrest personali tal-persuna għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, biex iġġiegħlu jiddepożita dawk il-beni:"*

## Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1) Tiddikjara illi Woodman Funds SICAV p.l.c. (SV 204) bħala sekwestratarja fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 102/2020 fl-ismijiet premessi, naqqset milli tagħmel dawk id-depożiti meħtieġa ai termini tal-Artikolu 376 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ħallset *distributions* lill-azzjonista tagħha "*HSBC Private Bank (Suisse) S. A as nominee of Starup Holding GmbH*" f'Awwissu tal-2020 u Marzu tal-2021 bi ksur tal-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 102/2020 u kwindi, l-istess

Woodman Funds SICAV p.l.c hija responsabbli għad-danni u interessi favur s-soċjeta` esponenti;

2) Tillikwida d-danni u l-interess hekk kif sofferti mis-soċjeta` esponenti estera;

3) Konsegwentement, tordna lil Woodman Funds SICAV p.l.c. sabiex tħallas id-danni hekk kif likwidati, bl-interessi mid-data li fiha Woodman Funds SICAV p.l.c. kellha tiddepożita s-somma mħallsa bħala *distributions* fir-Reġistru tal-Qorti, ai termini tal-Artikolu 378 tal-Kap 12.

Rat ir-Risposta ta' Woodman Funds SICAV p.l.c. (SV 204), minn issa 'l quddiem "Woodman Funds", għar-rikors tat-18 ta' Marzu 2021, li permezz tagħha eċċepiet illi :

B'rikors tat-18 ta' Marzu, 2021, ir-rikorrenti kif rappreżentata talbet dikjarazzjoni illi Woodman Funds, bħala sekwestratarja fil-mandat fuq ċitat, aġixxiet bi ksur tal-istess mandat ta' sekwestru meta naqset milli tagħmel id-depożiti meħtieġa ai termini tal-Artikolu 376 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti ssostni li Woodman Funds injorat il-mandat u ħallset *distributions* lill-azzjonista tagħha *"HSBC Private Bank (Suisse) S.A. as nominee of Starup Holding GmbH"*. Ir-rikorrenti talbet għalhekk ukoll danni kkawżati minn dan l-allegat ksur.

L-esponenti Woodman Funds tiċħad dawn il-pretensjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati.

Jibda biex jingħad illi mhux kontestat illi HSBC Private Banking Suisse S.A. bħala *nominee* ta' Starup Holding HmbH hija azzjonista b'48,204.779 sehem fis-sottofond *Woodman Credit Opportunities II.*

Lanqas huwa kontestat illi l-esponenti Woodman Funds ġiet notifikat bil-mandat ta' sekwestru fuq ċitat u xorta ma ddepożitat ebda ammonti fir-Reġistru tal-Qorti, minkejja d-*distribution* li kien maħsub illi jsir lill-azzjonisti kollha.

Madanakollu, hemm raġuni legali għal dan tant illi l-esponenti ssostni u tissottometti illi hija kienet tkun qed taġixxi **irregolarment u bi ksur tal-liġi** li kieku għaddiet biex tagħmel xi depożitu wara l-mandat ta' sekwestru kif qed tippretendi r-rikorrenti. Dan għaliex, skont il-liġi u l-iStatut tal-Kumpanija, Woodman Funds għandha tirrikonoxxi bħala azzjonist lin-*nominee* u mhux lill-entita' li f'isimha tali *nominee* jkun iżomm l-ishma.

Illi f'dan ir-rigward issir qabel xejn referenza għall-Artiklu 127 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta), li jgħid kif ġej:

127.(1) Sakemm mhux provdut xort'oħra fl-istatut tagħha kumpanija ffurmata u reġistrata f'Malta m'għandhiex tirrikonoxxi xi relazzjoni ta' nominee jew trust dwar xi obbligazzjoni maħruġa minnu, u l-kumpanija m'għandhiex tirrikonoxxi, ukoll jekk ikollha avviż dwar dan, xi nteress jew dritt ieħor f'dik is-siġurtà, ħlief tad-detentur reġistrat tagħha.

Bl-istess mod, l-Artikli tal-Kumpanija senjatament fl-Artiklu 7.4 u 7.5 jgħidu kif ġej (**Dok WF 1**):

7.4 Shares issued to entities acting as "nominee shareholder", as referred to in Article 7.5 shall be registered in the name of such entity without any reference to the beneficial owner of the Shares (subject to the provisions of Article 7.5).

7.5 Except as may be provided in the Memorandum and these Articles or the Offering Memorandum or as may be required by law, a person in whose name a Share or debenture shall be registered as owner shall (to the fullest extent permitted by law) be treated at all times and for all purposes as the absolute owner of such Share or debenture, regardless of any notice of beneficial ownership or trust or nominee holding and, accordingly, the Company shall recognise an absolute right of title to Shares or debentures in the registered holder thereof and shall not be bound by or recognise (even when having notice thereof) any equitable, contingent, future or partial interest in any Shares or debenture or any other right in respect of any Share or debenture.

Għalhekk għalkemm is-sekwestru huwa maħruġ kontra Starup bħala sekwestrata, ix-*shareholder* fil-fond skont il-liġi mhijiex Starup iżda hija u tibqa' n-*nominee* (HSBC Private Banking Suisse S.A.). Li kieku Woodman Funds iddeċidiet unilateralment illi tinjora dan il-fatt u taġixxi bħallikieku n-*nominee* ma jeżistix, kienet tkun qed tikser il-liġi u l-Artikli tal-Kumpanija u kienet tkun qed tesponi kemm lil Starup u, konsegwenzjalment, lilha nfisha għad-danni.

Dan kollu ġie spjegat lir-rappreżentanti tar-rikorrenti, inkluż f'ittra mibgħuta lilhom fit-22 t'April, 2020 (**Dok WF 2**), imma jidher li r-rikorrenti qed tibqa' tinsisti fuq il-pożizzjoni tagħha.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u mingħajr xi ammissjoni ta' responsabbilita, Woodman Funds tinnota illi r-rikorrenti hija fattwalment żbaljata meta "tippreżumi" u "tistma" illi Woodman Funds ħallset xi *distributions* lil HSBC Private Bank (Suisse) S.A.

Hawnhekk għandu jingħad illi wara s-sekwestru kontra Starup, l-esponenti kienet ġiet notifikata b'mandat ta' qbid (413/20 MG) fl-ismijiet Avukat Dottor Nikolai Vella Falzon *et nominee* v HSBC Private Banking (Suisse) SA bħala *nominee* ta' Starup Holding GmbH, eżegwibbli fuq l-ishma ta' HSBC Private Banking (Suisse) SA bħala *nominee* ta' Starup Holding GmbH fis-subfund Woodman Credit Opportunities II Fund (**Dok WF 3**). Dan il-qbid kien, korrettement, jindika lill-HSBC bħala *nominee* ta' Starup.

L-esponenti qabbdet lil PriceWaterhouseCoopers Malta sabiex jagħmlu eżerċizzju sabiex jaraw in-natura ta' tali *distributions* u kkonkludew li l-ħlas ta' *distributions* jista' jitqies bħala *return of capital* u jista jkollu effett ta' *redemption of shares* u għalhekk ikun milqut bil-mandat ta' qbid imsemmi. Bħala riżultat ta' dan, għalkemm l-esponenti ma ddepożitatx fondi fir-Reġistru tal-Qorti ai termini tal-mandat ta' sekwestru (biex ma tkunx aġixxiet bi ksur tal-liġi), mill-banda l-oħra, b'effett tal-mandat ta' qbid, lanqas wettqet ebda *distribution* lin-*nominee*, u ssegregat l-ammont li kieku kienet tiddepożita l-Qorti f'kont apparti sakemm il-vertenza bejn il-partijiet tiġi solvuta.

Fi kliem ieħor, jekk din il-Qorti jidhrilha illi Woodman Funds għandha tiddepożita xi ammonti fil-Qorti, minkejja dak li jgħid l-Att dwar il-Kumpanniji u minkejja dak li jgħidu *l-Articles of Association* ta' Woodman Funds, l-esponenti qiegħda f'pożizzjoni li tagħmel tali depożitu kif talvolta tista' tordnalha l-Qorti għaliex il-fondi relattivi għadhom jinsabu taħt il-kontroll tagħha. Għalhekk ċertament ma hemm ebda lok ta' responsabbilita' għal jew ħlas ta' danni.

Fl-aħħarnett u mil-lat prettament proċedurali, huwa paċifiku illi r-rimedji previsti fl-Artiklu 378 tal-Kap 12 huma msejsa fuq il-kunċett ta' "kontumelja lejn il-Qorti", u ċjoe' sitwazzjoni fejn persuna konxjament aġixxiet bi ksur ta' ordni tal-Qorti u b'nuqqas ta' rispett lejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. Għar-raġunijiet spjegati, huwa sottomess illi l-aġir ta' Woodman Funds ċertament ma kienx wieħed disrispettuż iżda wieħed imsejjes fuq pożizzjoni legali li toħroġ ċar mil-liġi. Sfortunatament, Woodman Funds spiċċat tiżżeffen bħal Pilatu fil-Kredu, f'vertenza bejn partijiet oħra.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, għalkemm l-esponenti tiddikjara li lesta toqgħod għall-ordnijiet u direzzjonijiet li tista' tagħti l-Qorti, hija ssostni illi aġixxiet korrettement u li t-talbiet tar-rikorrenti għalhekk jistħoqqilhom illi jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esibiti mill-istess partijiet.

Semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-abbli avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

FRIIS ħarget sekwestru kawtelatorju kontra Starap Holding ("Starap"). Wieħed mill-ħafna sekwestratarji kien Woodman Funds SICAV plc ("Woodman"). FRIIS ippreżentat ir-rikors preżenti, li permezz tiegħu tallega li Woodman naqas li jiddikjara li kellu assi ta' Starap u li jiddepożitahom fir-Reġistru tal-Qorti kif meħtieġ mill-Art. 376 tal-Kap 12. Tallega li ttrasferixxa dawn l-assi billi ħallas *distributions* lil azzjonista tagħha HSBC Private Bank (Suisse) S.A. bħala *nominee* ta' Starup Holding GmbH" u għalhekk qiegħdha titlob il-ħlas tad-danni ai termini tal-Art. 378 tal-istess Kap.

HSBC Private Bank (Suisse) S.A. bħala *nominee* ta' Starup Holding GmbH tassew hi azzjonista b'48,204.779 sehem fis-sottofond Woodman Credit Opportunities II. Taċċetta li kien maħsub li tagħmel id-distribution li kien maħsub għall-azzjonisti kollha.

Skont il-liġi (Art. 127 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta) sakemm mhux ipprovdut xort'oħra fl-istatut tagħha kumpanija ffurmata u reġistrata f'Malta m'għandhiex tirrikonoxxi xi relazzjoni ta' nominee jew trust dwar xi obbligazzjoni maħruġa minnu, u l-kumpannija m'għandhiex tirrikonoxxi, ukoll jekk ikollha avviż dwar dan, xi nteress jew dritt ieħor f'dik is-sigurta`, ħlief tad-detentur reġistrat tagħha.

L-Artikli tal-Kumpannija (Art. 7.4 u 7.5) mhux talli ma jipprovdux xort'oħra, talli jikkonfermaw dak li tgħid il-liġi.

Is-sekwestru nħareġ kontra Starup. Iżda skont il-liġi msemmija, is-shareholder fil-fond mhix Starup iżda hija HSBC Private Banking Suisse S.A. Għalhekk mhix milquta mis-sekwestru.

Wara s-sekwestru, HSBC Private Banking Suisse S.A. ġiet notifikata, din id-darba bħala nominee ta' Starup, b'mandat ta' qbid 413/20 GM fuq is-subfund Woodman Credit Opportunities II Fund. Ingħatat parir legali li dan kien milqut korrettement mill-mandat ta' qbid. B'effett u b'ħarsien tal-mandat ta' qbid, hija ma wettqet l-ebda *distribution* lin-*nominee* u ssegregat l-ammont in kwistjoni.

Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li Woodman imxiet bi ksur tal-liġi u lanqas b'kontumelja. Fi kwalunkwe każ ma kkawżat l-ebda dannu lir-rikorrenti. Barra minn hekk, il-fondi in kwistjoni huma mħarsin mill-mandat ta' qbid. Konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Fiċ-ċirkostanzi, spejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Moqri.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA